- *Art 231(1) kap 12*
- *dritt ta' kontumaċi li jappella minn sentenza*

*-kriterji għall-għoti ta' permess t'appell minn sentenza in parte*

# QORTI ĊIVILI

# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rik. Ġur. 573 /2018 GM**

**Paul Gauci f'ismu proprju u għan-nom**

**Tas-Soċjeta` E & G Properties Limited**

**vs**

**Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali,**

**f'isem is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali**

**Seduta tal-31 t'Ottubru, 2019.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur, li permezz tiegħu qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li ordni maħruġa mill-konvenuta bl-ittri tal-5 ta' Diċembru 2017 u s-7 ta' Diċembru 2017 hija nulla għaliex tmur kontra d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(i)(ii)(iii) u (iv) tal-Kodiċi Ċivili, Kap 12;

Rat illi ma ġiet ippreżentata ebda risposta ġuramentata mill-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni fl-udjenza tad-9 t'Ottubru 2018 tal-abbli avukat tal-konvenut Dr. Miguel Degabriele li ddikjara li t-terminu tar-risposta qatt ma beda jgħaddi għaliex ma ġiex notifikat l-Avukat Generali skont l-Art. 181B(3) tal-Kap 12;

Rat ir-rikors tal-konvenut li permezz tiegħu talab li ssir in-notifika lill-Avukat Generali u r-risposta tal-attur dwar dan il-punt;

Rat il-provvediment tagħha tad-28 ta' Jannar 2019 li permezz tiegħu ċaħdet it-talba tal-konvenut;

Rat li minkejja li l-konvenut huwa kontumaċi ippreżenta rikors li permezz tiegħu effettivament ippreżenta eċċezzjoni li l-konvenut ma ppreżentax ittra uffiċjali qabel ma fetaħ il-kawża, u għalhekk kiser id-disposizzjonijiet tal-Art. 460 tal-Kap 12;

Rat ir-rikors tal-attur li permezz tiegħu talab l-isfilz tar-rikors imsemmi;

Rat il-provvediment Tagħha waqt l-udjenza tad-19 ta' Frar 2019 li permezz tiegħu ordnat l-isfilz tal-istess rikors;

Rat li b'danakollu, waqt l-istess udjenza l-Qorti (fol 44) stiednet lill-partijiet sabiex jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet dwar:

(1) jekk hemm (*recte*: jekk) il-ħtieġa tal-preavviż lill-Gvern hix ta' ordni pubbliku jew le; u

(2) jekk id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artiklu japplikawx għall-każ preżenti (u ċjoe`għal proċeduri ta' stħarriġ ta' egħmil amministrattiv);

Rat is-sentenza tagħha tad-9 ta' Lulju 2019 li permezz tagħha ddikjarat li:

(1) l-preċett tal-Art. 460(1) Kap 12 huwa t'ordni pubbliku u li allura jista' jitqanqal mill-Qorti *marte proprio* iżda

(2) l-proċedura preżenti taħt l-Art. 469A Kap 12 ma taqax taħt l-imsemmija disposizzjoni.

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-10 ta' Lulju 2019 li permezz tiegħu stqarr li ma jaqbilx mat-tieni konklużjoni tal-Qorti u għalhekk talab permess biex jappella minnha;

Rat ir-risposta tal-konvenut ippreżentata fit-22 ta' Lulju 2019 li permezz tagħha oppona għall-istess talba tal-konvenut billi l-uniku jedd li għandu l-kontumaċi u li jagħmel nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub u għalhekk talab l-isfilz tar-rikors tal-10 ta' Lulju 2019;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikors tal-10 ta' Lulju 2019 qiegħed isir skont l-Art. 231(1) Kap 12, li jiffakoltizza appell minn sentenza in parte qabel ma tiġi ppronunzjata s-sentenza finali wara talba li ssir jew verbalment meta tingħata s-sentenza inkella b'rikors fi żmien sitt ijiem mid-data tas-sentenza. Il-permess tal-Qorti jrid jingħata bil-miftuħ. Illi r-rikors sar l-għada tas-sentenza u għalhekk sar ritwalment;

Illi kuntrarjament għal dak li jsostni l-konvenut, m'hemmx dubbju li l-kontumaċi jista' jappella. Anke għaliex il-kontumaċja mhix ammissjoni anzi hi oppożizzjoni għat-talbiet attriċi. Għad li l-liġi ma takkordax dan id-dritt espressament, huwa

rikonoxxut minn ġurisprudenza kopjuża u paċifika.[1] Anke l-liġi nnifisha tagħraf, impliċitament, dan id-dritt billi fl-Art. 208(1) Kap 12, tpoġġi ċerti limiti fuq l-istess jedd; tgħid li l-kontumaċi "ma jkunx jista' jġib xhieda fil-qorti fi grad ta' appell, kemm-il darba ma jurix raġuni tajba, fil-fehma tal-qorti li għaliha jkun naqas". F'din il-kawża, jidher li l-iskop tal-appell hu biex il-konvenut jimpunja d-deċiżjoni tal-Qorti li l-proċedura preżenti taħt l-Art. 469A Kap 12 ma taqax taħt l-Art. 460 u b'hekk jiġi ddikjarat li l-konvenut mhux kontumaċi. Dan jinkwadra ruħu sewwa fil-parametri tal-istess Art. 208(1), tant li f'dan il-każ il-konvenut mhux qiegħed jittanta jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu, iżda qiegħed imur lil hinn minn hekk: isostni li ma huwa xejn affattu kontumaċi;

Illi l-liġi (Art. 231(1) Kap 12) ma tagħti l-ebda ħjiel abbażi ta' liema kunsiderazzjonijiet il-Qorti għandha tilqa' jew tiċħad talba għall-appell qabel tiġi ppronunzjata s-sentenza finali. Evidentement il-leġislatur qiegħed jafda fl-għaqal u l-bon sens tal-ġudikant billi jħallih ħieles biex jikkunsidra ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Naturalment din id-diskrezzjoni trid tiġi eżerċita fl-ambitu tal-għan aħħari, jew *overriding objective* tal-leġislatur, meta ssostitwixxa dan l-artiklu fis-sena 1995 u emendah fis-sena 2005, li ma jsirux appelli minn sentenzi *in parte* b'mod li jtawwlu s-smiegħ tal-kawżi bla bżonn, kif sfortunatament kien qiegħed jiġri ta' spiss fil-prattika tal-foro. Illi f'dan il-każ partikolari, m'hemmx dubbju li jkun opportun fl-interess suprem tal-ġustizzja li l-Qorti tagħti l-permess għall-appell f'dan l-istadju, għaliex il-kwistjoni tolqot fil-laħam il-ħaj il-parametri li fihom il-konvenut jista' jressaq id-difiża tiegħu waqt is-smiegħ innifsu tal-kawża. Ikun kontro-produċenti u ineffiċjenti jekk il-Qorti tiċħad l-

[1] Fost ħafna oħrajn ara: Vol XLII.i.517; Vol XXI.i.139; E. Grech – vs- A. Saglimbene, App Kummercjali, 9 ta' April 1992; Benny Zaffarese noe –vs- Maximillian Castagna noe, Appell, 30 ta' Gunju 1997; P .L. Joseph Zammit noe –vs- Anthony Agius noe, Appell Kummercjali, 6 ta' Gunju 1994; Joseph Vella pro et noe –vs- John Vella, App Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993; Marianna Cini v Paolo Galea, Kollez. Vol.XLII.i.517; Audrey Ferriggi v Jefrin Grech, 26.03.2010 QA[PS]; Blye Engineering Co. Ltd v Borg Bellanti Philip 22.06.2005 QA[PS]

appell kemm-il darba l-Qorti tal-Appell eventwalment tiddissenti mis-sentenza *in parte* u jkollhom jinstemgħu iktar provi da parti tal-konvenut;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba billi tagħti permess lill-konvenut li jappella f'dan l-istadju mis-sentenza tagħha tad-9 ta' Lulju 2019.

ONOR IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA